**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 27 ta' Gunju, 2002**

**Citazzjoni Numru: 1249/90TM**

**Numru:**

**Lawrence Formosa u Saviour Formosa bhala Diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta' Formosa Construction Company Limited**

**Vs**

**Silvio Felice**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni presentata fit-12 ta' Novembru, 1990 fejn ipremettew illi l-atturi nomine ghamlu xoghol ta' kostruzzjoni fuq inkarigu tal-konvenut u tal-Perit tieghu Richard Aquilina u ta' dan il-konvenut ghandu jhallas lill-atturi nomine s-somma ta' tlett mija u hames liri Maltin (LM305.00c0m) kif jidher mill-kont (Dok. A);

Ipremettew ukoll illi l-konvenut appogga ma' proprjeta' tas-socjeta' attrici fi Spinola Road, St. Julians u ta' dan il-konvenut irid ihallas is-somma ta' elf u sebghin lira Maltija (LM1070) kif jidher mill-kont hawn anness (Dok B.) kif ukoll id-dritt tal-perit ghall-kejl u kalkolu tal-istess appogg fl-ammont ta' LM82.50c (tnejn u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu), b'kollox ghalhekk il-konvenut irid ihallas is-somma ta' elf, erba mija u seba u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (LM1457.50c0m);

Talab il-konvenut ghaliex m'ghandux jigi kundannat li jhallas lill-atturi nomine is-somma komplessiva ta' elf, erba mija u seba u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu (LM1457.50c0m) flimkien mall-imghax mid-data tac-citazzjoni, kwantu ghall-tlitt mija u hames liri Maltin (LM305) prezz ta' xogholijiet ta' kostruzzjoni maghmula mill-atturi nomine fuq inkarigu tal-konvenut u tal-perit tieghu; u kwantu ghas-somma ta' elf mija u tnejn u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (LM1152.50c0m) import ta' dritt ta' appogg u kont tal-perit kif fuq intqal;

Bl-ispejjez kollha komprizi LM1 tal-ittra interpellatorja u dawk tal-Mandati ta' Qbid, ta' Sekwestru u tal-impediment tas-safar tal-lum kontra l-konvenut, li jibqa' ngunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Silvio Felice fejn eccepixxa illi:

1. Li hu ma huwiex legittimu kontradittur f'din il-kawza stante li il-fond in kwistjoni ma' huwiex tieghu, ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi nomine.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet;

Rat id-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tat-3 ta' Gunju, 1992, li in forza taghha cahdet bhala intempestiva t-talba attrici ghall-kjamat fil-kawza tas-socjeta' "*Tower Limited*".

Rat li l-appell tas-socjeta' attrici minn din id-decizjoni kien gie dikjarat dezert b'digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-4 ta' Gunju, 1993;

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 1998, li *in forza* taghha laqghet *in parte* l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut billi ddikjarat li l-konvenut mhux legittimu kontradittur ghar-rigward tal-kreditu pretiz bhala import ta' dritt ta' appogg, waqt li cahdet l-istess eccezzjoni billi ddikjarat li l-konvenut huwa l-legittimu kontradittur ghar-rigward tal-kreditu pretiz bhala prezz ta' xoghol ta' kostruzzjoni li saru fuq inkarigu tal-konvenut; konsegwentement, din il-Qorti illiberat lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju limitatament ghal dik il-parti tat-talba li dwarha gie dikjarat li mhux il-legittimu kontradittur u ordnat il-prosegwiment tal-kawza ghal dik il-parti tat-talba li dwarha gie dikjarat li huwa l-legittimu kontradditur;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 1999, li *in forza* taghha appell minn din l-ahhar sentenza gie michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant;

Rat it-talba maghmula mill-konvenut fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2000, fejn talab li jipprezenta Nota ta' l-Eccezzjonijiet ulterjuri fil-mertu;

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti tal-15 ta' Mejju, 2000, li in forza taghha laqghet it-talba tal-konvenut ghal prezentata ta' Nota ta' l-Eccezzjonijiet ulterjuri u taghtu terminu perentorju ta' tmint ijiem biex jipprezenta n-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Silvio Fenech fejn ecepixxa:

1. Illi x-xoghol ghall-arkati ma huwiex dovut hlas ghalih stante illi: (a) Ma sarx skond is-sengha u l-arti u l-eccipjent imhabba f'hekk bata' danni; u (b) Fi kwalunkwe kaz kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-hlas tax-xoghol kien ser jigi kumpensat billi l-

attur zamm l-ingenji u l-ghodod tieghu fil-post tal-konvenut u uza l-ilma u l-elettriku tal-konvenut.

2. Ix-xoghol tal-hajt ma sarx fuq proprjeta' tal-konvenut (jew tal-kumpanija tieghu) u lanqas fuq inkarigu tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni relattiva;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dak li fadal li jigi deciz f'din il-kawza hija l-ewwel talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas ta' LM305 prezz ta' xogholijiet ta' kostruzzjoni maghmula fuq inkarigu tal-konvenut u tal-perit tieghu. Il-konvenut qed jopponi din it-talba ghal tlett ragunijiet:

(a) li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha;

(b) li sar ftehim li s-socjeta' attrici, flok tithallas, tinghatalha l-fakolta' li tpoggi l-ingenji taghha fil-fond tal-konvenut u,

(c) li barra mill-arkati, x-xoghol l-iehor ma sarx fuq proprjeta' ta' u lanqas gie ordnat mill-konvenut.

Din il-Qorti jidrilha li tista' tehles mill-ewwel mit-tieni eccezzjoni billi tirrispingi l-istess u dan peress li l-allegat

ftehim ma jirrizultax.  Jirrizulta, veru, li s-socjeta' attrici kienet, f'okkazjonijiet, thalli l-ingenji taghha fil-proprjeta' tal-konvenut, izda aktar minn hekk ma jirrizultax.  Il-Qorti wkoll tarha ftit esagerata li kuntrattur jiftiehem li ma jithallasx ta' xoghlu sempliciment ghax l-appaltatur ikun accetta li, waqt li jkun qed isir ix-xoghol, il-kuntrattur ihalli l-ingenji tieghu *"on site".* F'kull kaz, dak l-allegat ftehim kellu jippruvah il-konvenut, u fil-fehma tal-Qorti bl-ebda mod ma biss beda li jipprova dak li hu allega.

Ghar-rigward tat-tielet eccezzjoni, il-provi huma ftit konfusjonali dwar x'xoghol sar fil-fond tal-konvenut u x'sar fil-proprjeta' ta' terzi.  Il-Perit Godwin Aquilina ma kienx car meta xehed fuq din il-kwistjoni, u ghalkemm isemmi li sar xoghol fi proprjeta' ta' certu Faenza, ma setghax jiddentifika liema xoghol sar fejn, u ma indikax liema parti mis-somma mitluba mis-socjeta' attrici tirreferi ghax-xoghol li sar fuq inkarigu tal-konvenut u liema le.  Fil-fatt il-Perit Aquilina xehed (a fol. 83 tal-process) li, fuq inkarigu tal-konvenut, oltre

li bena l-arkati "ghamilna hajt ma l-appogg <u>u ghamilna hafna affarijiet</u>". Huwa obbligu tal-konvenut li jipprova li parti mis-somma reklamata tirreferi ghal xoghol li ma sarx fuq inkarigu tieghu, u, fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut ma ssodisfax dan l-oneru. Is-socjeta' attrici resqet certifikat taghha li jindika b'mod car ghal x'hiex qed titlob hlas ta' LM305; il-konvenut kellu jispjega x'ma sarx fil-proprjeta' tieghu biex isostni l-allegazzjoni tieghu. Hu jammetti li l-arkati saru fi proprjeta' tieghu, izda dwar il-bqija, ressaq bhala xhud lil Perit Aquilina li, kif inghad, ma tantx kien car ghax ma setghax jiftakar wisq dettalji hlief li hu dejjem mas-Sur Felice tkellem. Dan il-perit kellu jkompli jixhed wara li jipproduci "*sketch"* li kellu fil-pussess tieghu, izda hadd mill-partijiet ma segwa l-process biex jara li l-perit jerga' jixhed bl-*isketch* f'idejh. Mill-provi prodotti, din il-Qorti mhux sodisfatta li l-konvenut irnexxielu jiskossa dak li kkonfermat is-socjeta' attrici, u cioe', li x-xoghol li tieghu qed titlob il-hlas ta' LM305 sar kollu fuq inkarigu tal-konvenut u, kwindi, din l-eccezzjoni qed tigi ukoll michuda.

L-ewwel eccezzjoni, minn naha l-ohra, timmerita diskussjoni aktar approfondita. Il-konvenut qed jghid li x-xoghol tal-arkati ma sarx skond l-arti u s-sengha, u meta, wara li kien se jbigh il-fond, ix-xerrej prospettiv induna bid-difett, qablu li titnaqqas is-somma ta' LM1000 mill-prezz biex taghmel tajjeb ghad-difetti li kellhom l-arkati. Id-difetti fl-arkati gew konfermati mill-Perit Godwin Aquilina li xehed li hu sab qsim fil-pilastri tal-arkati, tant li ta ordni biex jigu rinforzati; hu qal li dan il-qsim kien rizultat tal-fatt li kien sar *settlement* u ghalkemm il-fond ma kienx fil-periklu, ikkonferma li dak li sehh kien b'rizultat ta' "*structural defect"* (ara fol. 176 tal-process). Hu, fil-fatt, ta ragun lill-konvenut li ilmenta minn dan id-difett (fol. 175 tal-process). Il-konvenut jghid li x-xoghol ta' rinforzar iddecieda li jaghmlu x-xerrej stess bil-perit tieghu, u ghal dan ix-xoghol accetta li jnaqqas is-somma ta' LM1000 mill-prezz tal-bejgh. Dan il-fatt gie konfermat mix-xerrej, il-Prokuratur Legali Maurice Mizzi, li kkonferma li, minhabba dan id-difett, tnaqqset is-somma ta' LM1000 mill-prezz, ghal liema somma kien anke hareg ricevuta (fol. 189 u 192 tal-process).

Il-Qorti hija konvinta mill-provi prodotti li fil-pilastri tal-arkati kien jirrizulta difett. Hu veru li dan id-difett gie konfermat minn xhud *ex parte*, il-perit tas-socjeta' attrici, pero', tali xhieda hi permessibli bil-ligi, u stante li llum sar ix-xoghol rimedjali, mhux probabbli li espert imqabbad mill-Qorti jkun jista' jivverifika jekk, madwar ghaxar (10) snin ilu, kienx hemm difetti jew le fil-pilastri! Il-Qorti, f'kull kaz, taccetta x-xhieda tal-Perit Godwin Aquilina bhala prova li kien hemm difett fil-pilastri.

Il-valur tal-hsara ma tirrizultax, hlief li l-Prokuratur Legali Mizzi xehed li hu kien ikkonsulta ruhu mal perit tieghu li indikalu li l-ispiza biex isir ir-*reinenforcement* kienet titla' ghal LM1000. Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita' din ix-xhieda, pero' mehud kont li d-difetti kienu fil-pilastri tal-arkati, huwa biss mill-valur ta' dawn l-arkati li ghandha titnaqqas is-somma mehtiega biex taghmel tajjeb ghall-hsara. (ara "Bezzina vs Cardona" deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Novembru, 1983).

F'materja t'appalt, kif jidher mill-gurisprudenza in materja (ara "Mallia vs Fonk" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar, 1975, kif ukoll "Bugeja vs Gauci" deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1980, u "Mallia vs Magri" deciza wkoll minn din il-Qorti fis-7 ta' Mejju, 1981), il-Qrati taghna kellhom okkazzjoni jippronunzjaw ruhhom diversament dwar kwistjonijiet ta' din in-natura, u dana skond ic-cirkustanzi partikolari ta' kull kaz. Kif jidher mis-sentenzi fuq citati, il-Qorti taghna f'certi kazijiet ordnaw il-hlas ta' prezz tal-appalt stabbilit "*a misura*" meta kien hemm difett parzjali mhux sostanzjali fix-xoghol, izda awtorizzaw lill-kommittent jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. F'kazijiet ohra, fejn ix-xoghol gie ezegwit in parti sewwa u in parti hazin, giet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xoghol ma kienx sar skond ma titlob is-sengha. F'kazijiet ohra, l-Qorti ordnat li titnaqqas, mis-somma li tigi mhallsa, s-somma stmata mill-perit bhala kumpens ghad-difett fix-xoghol.

F'dan il-kaz, l-arkati gew jiswew LM126, u peress li l-ispiza biex taghmel tajjeb ghall-hsara teccedi din is-somma, huwa car li l-konvenut ma ghandu jhallas xejn ta' din il-partita.

Ix-xoghol l-iehor ta' twaqqieh u bini ta' hajt gdid ma jirrizultax li sar mhux skond l-arti u s-sengha, u kwindi l-hlas relattiv ghandu jsir mill-konvenut.  Dan il-hlas jammonta ghall-LM179.  Din il-Qorti ma thossx li ghandha tpaci din is-somma mal-bilanc tad-danni li sofra l-konvenut u li ghalihom se jibqa' skopert (peress li l-valur tad-danni jeccedi l-valur tal-arkati fejn irrizultat il-hsara), u dan peress li ma tresqitx kontro-talba mill-konvenut biex jirriklama dawk id-danni bhala kumpens ghall-hsara li garrab.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' mija u disgha u sebghin lira Maltin (LM179) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika

ta’ din ic-citazzjoni lill-konvenut, u cioe’, mit-22 ta’ Novembru, 1990.

L-ispejjez tal-kawza, hlief ghal dawk gia determinati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, jithallsu kwantu ghall-terz (1/3) mis-socjeta' attrici, u zewg terzi (2/3) mill-konvenut.

IMHALLEF

D/REG